# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 269 – It-Tnejn 2 ta' Settembru, 2013

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### ASSENTI SKUŻATI

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva korrispondenza mingħand Il-Kunsilliera Mariette Borg u l-Kunsillier Mario Cachia li jinsabu indisposti. Is-Sindku ippropona li għandhom jiġu mniżżla bħala assenti skużati. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta nru.268 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**2.1 Triq il-Għid/Triq Papa Pawlu VI**

Is-Sindku qal li ż-żewġ tabelli "Stop" fit-tard ta' Triq il-Għid fid-direzzjoni ta' Triq Mons. Mikiel Azzopardi kienu għadhom ma twaħħlux u għalhekk talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex dawn jiġu ordnati u jitwaħħlu minnufih.

### 2.2 Reviżjoni tas-*South Local Plan*

Is-Sindku qal li kien iltaqa' ma' rappreżentanti tal-*Siggiewi Football Club* u *Siggiewi Basketball Club* dwar proposta għas-sit fejn hemm il-grawnd tal-football u l-*Court* tal-Basketball. Din il-proposta se tkun imressqa fil-laqgħa pubblika li se ssir dwar ir-reviżjoni tas-*South Local Plan*.

### 2.3 Festa Għeneb

Is-Sindku qal li din l-attività ittellgħet b'suċċess kemm min-naħa ta' attendenza kif ukoll mill-koperazzjoni tal-għaqdiet u entitajiet lokali oħrajn. Huwa kompla jgħid li mid-dħul li sar minn attivitajiet imtellgħin mill-voluntiera u minn għotjiet oħrajn, se tingħata s-somma ta' €1,000 lid-Dar tal-Providenza.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li filwaqt li jikkonferma li din l-attività kienet suċċess staqsa għaliex is-*shelters* baqgħu ma nfetħux. Is-Sindku wieġeb li wara li saru t-testijiet meħtieġa rigward l-arja nstab li kien hemm livell għoli ta' gass u allura kien deċiż li ma jittieħed l-ebda riskju. Jidher li dan il-gass ħiereġ mis-sistema tad-drenaġġ li tinsab għaddejja viċin ix-*shelters*. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jagħmel kuntatt mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma bil-għan li tinstab soluzzjoni għal din il-problema.

### 2.4 Infurzar lokali u *green wardens*

Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jikteb minnufih lir-Reġjun dwar din il-materja kif diġà kien deċiż waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

### 2.5 Triq Manwel Bonnici

Is-Sindku qal li diversi residenti ikkuntattjawh u espremew fehma kuntrarja għall-proposta li parti minn din it-triq tingħalaq għat-traffiku. Din il-materja għandha tiġi konkluża fis-seduta li jmiss.

## 3. FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.

Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 3.2 Rapporti Finanzjarji Jannar-Marzu u April-Ġunju.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-*working capital* ta' l-ewwel kwart tas-sena kien juri żbilanċ ta' €19,255, filwaqt li fit-tieni kwart tas-sena l-iżbilanċ niżel €10,558. Hu ippjanat li fit-tielet kwart l-iżbilanċ jiġi korrett.

Dan l-iżbilanċ hu dovut għall-*commitments* li għandna fejn jidħlu spejjeż kapitali bħalma huwa ċ-Ċentru Ċiviku, il-PPP, u l-Ground tal-Football.

Fejn jidħlu dħul u ħruġ kurrenti, fl-ewwel kwart il-Kunsill kellu *surplus* ta' €27,165 u fit-tieni kwart kellu *surplus* ta' €88,808.

# 4. KUNTRATTI

## 4.1 *Collection of Mixed Household Waste*

Is-Sindku qal li għal dan il-kuntratt kienu daħlu 5 offerti. Waħda minnhom ma kellhiex id-dokumenti meħtieġa kompluti u għalhekk ġiet awtomatikament skwalifikata. Mill-erba' offerti l-oħra, dik ta' *Waste Collection Ltd.*, hija l-orħos waħda. Jekk tikkalkula fuq l-ogħla sena tagħha mill-erba' snin tal-kuntratt, tiġi €58,000 fis-sena, madwar €12,000 fis-sena orħos mill-kuntratt preżenti.

Huwa għalhekk ippropona li jinħatar bord magħmul minnu, mill-Viċi Sindku, mill-Kunsillier Jesmond Tanti u s-Segretarju Eżekuttiv biex jintervistaw lir-rappreżentant/i tal-*Waste Collection Ltd.,* Il-Bord, f'dak l-istadju għandu jara jekk għandux jintervista lill-offerenti l-oħrajn. Dan il-kuntratt għandu jiġi aġġudikat fis-seduta li jmiss.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4.2 *Road signs and markings*

Is-Sindku qal li kienu daħlu żewġ offerti u ċjoè minn B. Grima & Sons u mill-Koptasin. Grima għandu 39 *item* orħos u 32 item li huma ogħla, bid-differenzi huma minimi. Is-Sindku spjega li l-Kunsill mhuwiex kuntent bis-servizz mogħti mill-kuntrattur preżenti, Koptasin. Is-Sindku ippropona li għandna naċċetaw l-irħas offerta u ċjoè dik ta' B.Grima & Sons Ltd. Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4.3 Servizz ta' Perit

Is-Sindku qal li dan il-kuntratt kien wasal biex jiskadi u ippropona li għandna noħorġu s-sejħa għall-offerti. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 4.4 *Works Manager*

Is-Sindku qal li dalwaqt tagħlaq is-sejħa tal-offerti ta' dan il-kuntratt, u għalhekk ippropona li jinħatar bord biex jintervista lill-offerenti u jressaq rapport lill-Kunsill. Dan il-bord għandu jkun kompost mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Nicholas Cassar.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5 HWEJJEĠ OHRA

## 5.1 Talba għal *Double Yellow Line*

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li kien qed iressaq talba għal sinjal isfar doppju quddiem il-bieb ta' Julian Falzon, "Jelrose", Triq Santa Margerita, biex ikun jista' jdaħħal il-mutur tal-ħart.

Is-Sindku qal li għandha ssir it-talba lil Transport Malta.

**5.2 Tindif ta' gandott ħdejn iċ-Ċimiterju ta' Ta' Brija**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li hemm bżonn li dan il-gandott jitnaddaf. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien se jsegwiha mal-*Works Manager*.

**5.3 *Culvert* fit-Telgħa ta' San Lawrenz**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar qal li hemm *culvert* f'din l-imsemmija triq li qed tkun ta' periklu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien se jsegwi dan il-każ.

**5.4 Railing fi Sqaq nru 1 – Triq il-Knisja**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li kien mitlub minn xi anzjani biex isir railing f'din it-triq. Is-Sindku u Tanti għandhom isegwuha.

**5.5 Talbiet għall-*parking bays* għall-muturi**

Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li kien mitlub biex isiru *parking bays* għall-muturi fi Triq Dr Nikola Zammit faċċata tal-JJ Supermarket, fi Triq Ta' Brija, u fejn Vassallo Ironmongery. Is-Sindku se jsegwi din il-materja.

**5.6 Ġemmellaġġ**

Is-Sindku qal li wara li kien hemm inċident ma' xi sajjieda Sqallin, is-Sindku ta' Vittoria kien ħareġ stqarrija fejn esprima li bħala protesta xtaq ineħħi l-ġemellaġġ mas-Siġġiewi. Ftit siegħat wara Dr Aquilina ħareġ stqarrija fejn qal li dan mhux il-mod kif isiru l-affarijiet. Huwa ipprova jagħmel kuntatt bit-*telephone* mas-Sindku ta' Vittoria, imma dan baqa' ma weġibx.

Sa issa jidher li l-Kunsill ta' Vittoria għadu ma iddiskutiex din il-materja u għadu ma sar l-ebda kuntatt ieħor.

Is-Sindku kompla jgħid li fil-passat kien hemm il-ħsieb li jinbeda l-proċess biex isir ġemellaġġ mal-belt ta' Bari. Hu ippropona li dan il-proċess jerġa' jinbeda. Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.7 Żjara edukattiva fil-Belt ta' Vittoria**

Is-Sindku ippropona li ssir żjara ta' ġurnata fil-Belt ta' Vittoria bl-aċċenn ikun fuq l-agrikoltura u tkun ikkordinata mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.8 It-Triq ta' Lapsi u l-Panoramic Road li tagħti għal Ħaġar Qim**

Wara diskussjoni dwar din il-materja li matulha l-Kunsilliera kollha fehmu li filwaqt li l-qagħda ta' dawn it-toroq hija waħda imwegħra, il-Kunsill m'għandux il-fond biex jagħmel resurfacing tagħhom, is-Sindku ippropona li għandna niktbu lill-Ministru Mizzi biex dawn it-toroq isiru mill-Gvern Ċentrali. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.9 Bozza fi Sqaq tal-Beċċun**

Il-Kunsillier Nicholas Cassar ippropona li titwaħħal bozza f'dan l-isqaq fuq talba magħmula mis-sur Godwin Grech. Is-Sindku qal li din il-bozza għandha teħel biss

wara li jkun hemm l-approvazzjoni tal-Enemalta u wara li jkun żgurat li l-Kunsill mhux ser ikollu jagħmel tajjeb għal l-ispiża biex jitwaħħal arblu/i.

**5.10 Il-Berġa tal-Gvern**

Il-Viċi-Sindku qal li hu kien attenda għas-seminar organizzat mill-Ministru tas-Saħħa għall-Kunsilli fejn tħabbar li se tingħata għajnuna lill-Kunsilli biex jirrinovaw il-Bereġ pubbiċi. Huwa qal li peress li l-Kunsill diġà irrinova hu stess il-Berġa, għandu jippretendi għajnuna ugwali li se jirċievu kunsilli oħrajn. Is-Sindku ssekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn, 23 ta' Settembru fis-7.00 p.m., u dik ta' Ottubru titlaqqa t-Tnejn 21 t'Ottubru fis-7:00pm. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 23 ta' Settembru, 2013.**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** **5/8/13-2/9/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | mita | €4.97 | €4.97 | d | pf | email account councillor n cassar april-june | 27.8.13 | 28658 | | | | 9779 |
| 2 | dolce miele | €8.45 | €8.45 | d | pf | festa gheneb | 25.8.13 | 140 | | | | 9754 |
| 3 | ecopure | €8.75 | €8.75 | d | pf | water for dispenser | 27.8.13 | 552613 | | | | 9787 |
| 4 | doi | €9.32 | €9.32 | d | pf | publication advert festa gheneb | 9.8.13 | 9.8.13 | | | | 9768 |
| 5 | ecopure | €12.74 | €12.74 | d | pf | water for dispenser | 14.8.13 | 551546 | | | | 9787 |
| 6 | lidl | €16.44 | €16.44 | d | pf | cleaning material | 31.8.13 | 155 | | | | 9755 |
| 7 | ecopure | €17.00 | €17.00 | d | pf | water for dispenser | 27.8.13 | 552586 | | | | 9787 |
| 8 | go | €17.09 | €17.09 | d | pf | 21462946 july13 | 14.8.13 | 34001831 | | | | 9788 |
| 9 | emanuel borg | €23.00 | €23.00 | d | pf | operating materials festa gheneb | 2.9.13 | | | | | 9752 |
| 10 | etc | €23.00 | €23.00 | d | pf | employee list measure 313 | 3.9.13 | 174118 | | | | 9800 |
| 11 | pierre farrugia | €25.00 | €25.00 | d | pf | minerals | 13.8.13 | 95 | | | | 9789 |
| 12 | pierre farrugia | €30.00 | €30.00 | d | pf | minerals | 27.8.13 | 41 | | | | 9789 |
| 13 | go | €34.88 | €34.88 | d | pf | 21465799/21465805 july13 | 14.8.13 | 34001811 | | | | 9788 |
| 14 | go | €34.94 | €34.94 | d | pf | adsl aug13 transport material festa gheneb | 14.8.13 | 34001811 | | | | 9788 |
| 15 | philip camilleri | €45.50 | €45.50 | d | pf | transport material festa gheneb | 2.9.13 | 936 | | | | 9785 |
| 16 | afrique en visu | €48.55 | €48.55 | d | pf | expenses delegation photographic course screens | 28.8.13 | | | | | |
| 17 | pavi | €53.82 | €53.82 | d | pf | cleaning material | 31.8.13 | 869707 | | | | 9755 |
| 18 | dritt ta avukat | €54.34 | €54.34 | d | pf | case vs robert pace | 22.8.13 | 2 | | lcs21/09 | | |
| 19 | n.baldacchino | €56.60 | €56.60 | d | pf | expenses screens project | 26.8.13 | 204 | | | | 9754 |
| 20 | go | €61.39 | €61.39 | d | pf | 21468874 july13 | 14.8.13 | 34001811 | | | | 9788 |
| | **Sub Total c/f** | **€585.78** | **€585.78** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€585.78** | **€585.78** | | | | | | | | | |

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 269 tat-2/9/13**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsillier

**Data:** 5/8/13-2/9/13

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | john camilleri | €62.43 | €62.43 | d | pf | operating material festa gheneb | 2.9.13 | | | | | 9771 |
| 22 | tal-lira store | €64.00 | €64.00 | d | pf | items creativity course | 27.8.13 | 30011485 | | | | 9755 |
| 23 | pierre farrugia | €64.00 | €64.00 | d | pf | minerals | 3.9.13 | 68 | | po135/13 | | 9789 |
| 24 | go | €67.13 | €67.13 | d | pf | 21466000/21466036 july13 | 14.8.13 | 34001848 | | | | 9788 |
| 25 | access point | €70.80 | €70.80 | d | pf | backup package | 1.8.13 | 3773 | | | | 9763 |
| 26 | carmelo cutajar | €80.75 | €80.75 | d | pf | operating material festa gheneb | 2.9.13 | | | | | 9753 |
| 27 | nvc | €85.00 | €85.00 | d | pf | operating material festa gheneb | 26.8.13 | 5710 | | 129/13 | | 9795 |
| 28 | vodafone | €92.70 | €92.70 | d | pf | 99762218 july13 | 1.8.13 | 3625329082013 | | | | 9793 |
| 29 | dr r sladden | €94.40 | €94.40 | d | pf | case vs robert pace | 6.8.13 | 3 | | 21-Sep | | 9762 |
| 30 | greenlines | €94.40 | €94.40 | d | pf | hire of mobile toilets | 31.8.13 | 25495 | | 108/13 | | 9770 |
| 31 | ronald briffa | €100.00 | €100.00 | d | pf | compare serata festa gheneb | 28.8.13 | 0 | | 14/13 | | 9782 |
| 32 | PHRF | €100.00 | €100.00 | d | pf | transport civic centre mtarfa | 23.7.13 | 79 | | | | 9764 |
| 33 | impressions | €105.20 | €105.20 | d | pf | stickers recycling bags | 9.8.13 | 43915 | | | | 9767 |
| 34 | antonia aquilina | €105.57 | €105.57 | d | pf | library service june13 | 17.7.13 | | | | | 9769 |
| 35 | 3D | €118.00 | €118.00 | d | pf | distribution flyers festa gheneb | 5.8.13 | 4269 | | | | 9792 |
| 36 | 3D | €118.00 | €118.00 | d | pf | distribution of flyer photographic course | 23.8.13 | 4288 | | | | 9792 |
| 37 | mireille bonello | €118.00 | €118.00 | d | pf | compare serata festa gheneb | 25.8.13 | 210 | | | | 9781 |
| 38 | antonia aquilina | €142.83 | €142.83 | d | pf | attendance library august13 | 1.9.13 | 8 | | | | 9769 |
| 39 | karol aquilina | €145.20 | €145.20 | d | pf | operating materials festa gheneb | 2.9.13 | | | | | 9750 |
| 40 | print it | €147.00 | €147.00 | d | pf | flyers festa gheneb | 1.8.13 | 8243 | | | | 9791 |
| | **Sub Total c/f** | **€1,975.41** | **€1,975.41** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€585.78** | **€585.78** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€2,561.19** | **€2,561.19** | | | | | | | | | |

0 Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 269 tat-2/9/13**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 Kunsillier

**Data:** 5/8/13-2/9/13

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | virtu ferries | €160.00 | €160.00 | d | pf | trip vittoria project screens | 17.7.13 | 13402 | | | | 9754 |
| 42 | police | €183.45 | €183.45 | d | pf | service festa gheneb | 2.9.13 | 44380 | | | | 9772 |
| 43 | horace enterprises | €212.40 | €212.40 | d | pf | trophies wine competition festa gheneb | 21.8.13 | 6366 | | | | 9784 |
| 44 | twanny ironmongery | €224.36 | €224.36 | d | pf | operating materials festa gheneb | 24.8.13 | 1080 | | 130/13 | | 9796 |
| 45 | access point | €236.00 | €236.00 | d | pf | it august13 | 1.8.13 | 3770 | | | | 9763 |
| 46 | karol aquilina | €236.73 | €236.73 | d | pf | fb adverts festa gheneb | 2.9.13 | | | | | 9750 |
| 47 | ronald bezzina | €250.00 | €250.00 | t | pf | extra cleaning festa gheneb | 3.8.13 | 2 | | | | 9759 |
| 48 | greenlines | €262.00 | €262.00 | d | pf | mobile toilets tal-providenza | 31.8.13 | 25607 | | 123/13 | | 9770 |
| 49 | karol aquilina | €276.02 | €276.02 | d | pf | sms adverts festa gheneb | 2.9.13 | | | | | 9750 |
| 50 | transient | €368.75 | €368.75 | d | pf | extra cleaning festa gheneb | 30.8.13 | 3980 | | | | 9756 |
| 51 | kumitat fest esterni | €400.00 | €400.00 | d | pf | hire stage festa gheneb | 28.8.13 | 1157 | | | | 9783 |
| 52 | bibita | €400.00 | €400.00 | d | pf | band festa gheneb | 27.8.13 | 3 | | 120/13 | | 9794 |
| 53 | sliema hotel | €420.00 | €420.00 | d | pf | accomodation mr boudoin 24-25/8/13 screens | 15.8.13 | 1 | | | | 9748 |
| 54 | meusec | €500.00 | €500.00 | d | pf | deposit on project measure 313 | | | | | | 9749 |
| 55 | daniel cutajar | €527.00 | €527.00 | t | pf | bulky refuse collection august13 | 1.9.13 | 8 | | | | 9786 |
| 56 | milord | €530.00 | €530.00 | t | pf | ftuh ta kaptelli tas-shelters pjazza | 30.8.13 | 351 | | | | 9775 |
| 57 | philip bonello | €550.00 | €550.00 | d | pf | repair works swings | 20.8.13 | 41 | | | | 9798 |
| 58 | gianluca pace | €590.00 | €590.00 | d | pf | armar pjazza festa gheneb | 30.9.13 | 30.9.13 | | po22/13 | | 9780 |
| 59 | print it | €593.25 | €593.25 | d | pf | printing flyers/posters festa gheneb | 23.8.13 | 9298 | | | | 9791 |
| 60 | natasha mizzi | €597.00 | €597.00 | t | pf | cleaning council premises august13 | 2.9.13 | | | | | 9773 |
| | **Sub Total c/f** | **€7,516.96** | **€7,516.96** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€7,516.96** | **€7,516.96** | | | | | | | | | |

0 — Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 269 tat-2/9/13**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 — Kunsillier

**Data:** **5/8/13-2/9/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | koperattiva tabelli u sinjali | €622.25 | €622.25 | t | pf | traffic mirrors | 31.7.13 | 18329 | | | | 9790 |
| 62 | karol aquilina | €669.94 | €669.94 | d | pf | honoraria mayor august13 | | | | | | |
| 63 | andrew vassallo | €798.86 | €798.86 | d | pf | 4 cast iron gratings gym | 19.7.13 | 438-13 | | 27/13 | | 9797 |
| 64 | visage sound lts | €802.40 | €802.40 | d | pf | sound system festa gheneb | 28.8.13 | 343-13 | | 127/13 | | 9760 |
| 65 | gmm | €824.76 | €824.76 | q | pf | accounting jan-march13 | 28.8.13 | 80 | | | | 9761 |
| 66 | gmm | €824.76 | €824.76 | q | pf | accounting april-june13 | 28.8.13 | 81 | | | | 9761 |
| 67 | joe gatt | €832.21 | €832.21 | t | pf | supervisor of works july13 | 1.9.13 | | | | | 9801 |
| 68 | alex camilleri | €847.43 | €847.43 | t | pf | public conveniences july13 | 1.8.13 | 75 | | | | 9765 |
| 69 | elaine zarb giorgio | €870.00 | €870.00 | d | pf | tuition creativity course | 30.8.13 | | | lcs15/13 | | 9778 |
| 70 | foresight | €1,144.60 | €1,144.60 | t | pf | servizz perit gym fx mangion | 18.5.13 | mis007 | | | | 9758 |
| 71 | nexos | €1,500.00 | €1,500.00 | t | pf | extra works gym | 2.9.13 | 2010569 | | | | 9774 |
| 72 | cir | €1,707.32 | €1,707.32 | d | pf | cir august13 | | | | | | 9799 |
| 73 | nexos | €2,193.82 | €2,193.82 | t | pf | street lighting repsirs | 5.8.13 | 2010547 | | | | 9766 |
| 74 | ronald bezzina | €2,770.83 | €2,770.83 | t | pf | street sweeping august13 | 30.8.13 | 8 | | | | 9777 |
| 75 | ronald bezzina | €2,770.83 | €2,770.83 | t | pf | street sweeping july13 | 30.7.13 | 7 | | | | 9777 |
| 76 | wasteserv | €3,146.17 | €3,146.17 | d | pf | msw waste july13 | | 39098 | | | | 9757 |
| 77 | nexos | €3,653.68 | €3,653.68 | t | pf | replacement of poles at ghar lapsi park | 7.8.13 | 2010515 | | | | 9774 |
| 78 | milord | €3,753.46 | €3,753.46 | t | pf | cleaning non urban july13 | 14.8.13 | 299 | | | | 9775 |
| 79 | milord | €3,753.46 | €3,753.46 | t | pf | cleaning non urban august13 | 1.9.13 | 300 | | | | 9775 |
| 80 | employees | €4,886.00 | €4,886.00 | d | pf | salaries august13 | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€38,372.78** | **€38,372.78** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€38,372.78** | **€38,372.78** | | | | | | | | | |

0 — Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 269 tat-2/9/13**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 — Kunsillier

**Data:** **5/8/13-2/9/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | xuereb bros. | €5,711.41 | €5,711.41 | d | pf | waste collection august13 | 30.8.13 | 7890840 | | | | 9776 |
| 82 | | | | | | | | | | | | |
| 83 | | | | | | | | | | | | |
| 84 | | | | | | | | | | | | |
| 85 | | | | | | | | | | | | |
| 86 | | | | | | | | | | | | |
| 87 | | | | | | | | | | | | |
| 88 | | | | | | | | | | | | |
| 89 | | | | | | | | | | | | |
| 90 | | | | | | | | | | | | |
| 91 | | | | | | | | | | | | |
| 92 | | | | | | | | | | | | |
| 93 | | | | | | | | | | | | |
| 94 | | | | | | | | | | | | |
| 95 | | | | | | | | | | | | |
| 96 | | | | | | | | | | | | |
| 97 | | | | | | | | | | | | |
| 98 | | | | | | | | | | | | |
| 99 | | | | | | | | | | | | |
| 100 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€5,711.41** | **€5,711.41** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€5,711.41** | **€5,711.41** | | | | | | | | | |

0 — Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 269 tat-2/9/13**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

0 — Kunsillier